**F’Dawl nofsinnhar**

Miexi kont għaddej bil-kalma
Meta spuntajt minn mat-triq,
Tħadditna fix-xemx qalila
Fost xi biki mal-ilfiq.

Waqt li smajt l-istorja tiegħek
Xi stajt nagħmel f’dil-ġrajja?
Jekk mhux inħares ‘l fuq w nitlob
Nilqa’ l-grazzja f’dirgħajja?

Xi ġmiel fiha qalb il-bniedem
Meta tinfetaħ għas-sliem,
Ara ftit x’jiġri fl-ispirtu
Jiddawwal fi dlamijiet.

Hekk kien id-dmugħ sħun u safi
Li xerridt hemm barra t-triq,
Dak kien dmugħ ta’ qalb muġugħa
Li qed tfittex biex tant tfiq.

Mal-karba ħarġet xemx oħra
Tbissima ħelwa ssemmix,
Hekk jaf jagħmel ‘l-kbir Missierna
Ħlief imħabba ma jagħtix.

Hekk il-qalb reġgħet bdiet tħabbat
Bdiet tinħeles mill-inkwiet,
Minnha ħarġet poeżija
Bi ħlewwietha O kemm dwiet.

Tibżax, għalik hemm wisq faraġ
Għadu jaqbad fik in-nar,
Tal-imħabba sabiħa li
Ngħatalek f’dawl nofsinnhar.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 t’Awwissu 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.